

**Rikors ippreżentat fil-11 ta' Awwissu 2021 – L-Ungerija vs Il-Kummissjoni****(Kawża T-491/21)**

(2021/C 401/18)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

**Partijiet**

Rikorrent: L-Ungerija (rappreżentanti: M. Z. Fehér u G. Koós, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/988 tas-16 ta' Ġunju 2021 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nefqa mġarrba mill-Istati Membri fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) <sup>(1)</sup> sa fejn taffettwa lill-Ungerija billi teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni l-ghajjnuna mill-FAEŻR korrispondenti għas-snin finanzjarji tal-2016 sal-2019 billi invokat nuqqas ta' kontroll fundamentali (FAEŻR – miżuri forestali).
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Skont il-Gvern tal-Ungerija, il-Kummissjoni tinterpreta b'mod żbaljat l-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 <sup>(2)</sup> u l-Artikolu 28(1)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 809/2014 <sup>(3)</sup>. Il-Gvern tal-Ungerija jikkunsidra li r-raġunament fil-punt 3.4.2 tad-dokument ta' spjegazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea bit-titolu "Metodi ta' kalkolu tal-ghajjnuna għall-iżvilupp rurali sabiex jiġi eskluż il-finanzjament doppju", fil-verżjoni tiegħu ta' Frar 2017, imur kontra d-dispożizzjonijiet iċċitati. Id-dokument ta' spjegazzjoni ma huwiex legalment vinkolanti u l-interpretazzjoni li jipprovdi lanqas ma hija kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

Insostenn tar-rikors tiegħu, il-Gvern tal-Ungerija jinvoka essenzjalment motiv uniku. Fl-opinjoni tiegħu, l-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) 1306/2013 u l-Artikolu 28(1)(b) tar-Regolament (UE) 809/2014 ma johlqux l-obbligu li jiġi stabbilit kontroll li jikkorrispondi għall-finanzjament doppju li jista' joriġina bħala riżultat tal-ghajjnuna mogħtija għall-ekoloġizzazzjoni u għall-afforestazzjoni, fid-dawl tal-fatt li, skont id-dispożizzjonijiet fis-seħħ tad-dritt tal-Unjoni, ma jeżistix riskju ġustifikat ta' finanzjament doppju sa fejn isir riferiment għall-ghajjnuna mogħtija fil-kuntest ta' dawn iż-żewġ kunċetti.

Sabiex jikkorrabora din l-affermazzjoni, il-Gvern tal-Ungerija, l-ewwel, isostni li l-ispejjeż finanzjarji għall-afforestazzjoni u għall-ekoloġizzazzjoni għandhom għan ta' għajjnuna totalment differenti. Barra minn hekk, il-Gvern tal-Ungerija jindika fir-rikors tiegħu li huma wkoll kompletament differenti iż-żewġ kuntesti ta' għajjnuna. Il-kriterji ta' ammissibbiltà huma differenti għal dak li jikkonċerna kull waħda mill-ghajjnuna u l-ambiti tal-ispejjeż li jistgħu jiġu ssussidjati ma jikkorrispondux għal xulxin;

– Fl-aħħar, il-Gvern tal-Ungerija jikkunsidra li l-Kummissjoni Ewropea tinterpreta b'mod żbaljat il-portata tal-projbizzjoni ġenerali ta' finanzjament doppju li tinsab fl-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) 1306/2013 u ma tieħux inkunsiderazzjoni li l-leġislazzjoni tal-Unjoni fis-seħħ ma ttiprovdi espressament li l-ghajjnuna mogħtija fil-kuntest ta' afforestazzjoni u ta' ekoloġizzazzjoni tikkostitwixxi finanzjament doppju.

<sup>(1)</sup> ĠU 2021, L 218, p. 9.

<sup>(2)</sup> Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU 2013, L 347, p. 549).

<sup>(3)</sup> Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 809/2014 tas-17 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, tal-miżuri tal-iżvilupp rurali u tal-kundizzjonalità (ĠU 2014, L 227, p. 69).